MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2474/2002

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**Joseph Conti**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar talbet il-hlas ta' seba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm785.75c) minghand il-konvenut. L-istess Awtorita' attrici kienet harget Avviz sabiex il-konvenut jieqaf mit-twettieq tax-xoghol li kien qed jaghmel.

In forza tal-poteri fdati lill-Awtorita' attrici permezz ta' l-Att numru I tal-1992, kif sussegwentement emendat permezz ta' l-Att numru XXI tal-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji sabiex ix-xoghlijiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq, stante li l-konvenut ma kienx ottempera ruhu ma' dak li ntalab minnu.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal:

a. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa mhux responsabbli ghaliex il-hajt inbena mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici u mhux minnu.

b. Fit-tieni lok qal li x-xoghol kien sar minhabba li dak li kien qabel gnien kien gie kkonvertit fi grawnd tal-futbol u ghalhekk il-bini sar bhala lqugh mix-xuttijiet tal-ballun.

c. Fit-tielet lok qal li t-twaqqigh kien sar meta l-applikazzjoni kienet ghada pendenti.

d. Fir-raba' lok il-konvenut qal li l-ammont mitlub huwa eccessiv.

e. Fl-ahhar lok qal illi z-zewgt ikmamar imsemmija ma kienux kmamar izda zewg hitan imsaqqfa bil-*fibre* u ghalhekk kienu struttura temporanja.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Joseph Agius li huwa *Enforcement Officer* mal-Planning Authority fejn jikkonferma li l-Awtorita' attrici kienet batitlu Ittra sabiex iwaqqaf ix-xoghol.

Jghid illi fit-22 ta' Marzu, 1993 kienet harget *Stop Notice* u mbaghad f'April ta' l-istess sena harget *Enforcement Notice* ohra.

Jikkonferma li l-konvenut kien inghata wiehed u ghoxrin gurnata cans sabiex inehhi l-illegalita'. F'Lulju tal-1993 kien hareg rifjut ghall-kostruzzjoni ta' *boundary wall*. Il-konvenut kien talab *reconsideration* li kien gie rrifjutat kif ukoll l-appell li kien gie michud f'Marzu tal-1995.

F'Mejju tas-sena 2000 kienet saret *direct action operation* fejn l-Awtorita' attrici nehhiet zewg strutturi li kienu *laundry* u *storage*. Jghid li bejn wiehed u iehor kien hemm mija u ghoxrin pied tul ta' hajt li gie mbaxxa ghal erba' filati ghaliex skond il-*front garden wall* ghandu jkun erba' filati u mhux sebgha. Agius jghid illi l-konvenut kien gie mharrek minhabba li bena zewg strutturi u gholla l-hajt minn erba' ghal seba' filati.

F'xhieda ohra Joseph Agius jghid illi hu ma kienx prezenti meta kien hemm it-twaqqigh. Jikkonferma li mir-ritratti jidher li s-saqaf tal-bini in kwistjoni kien *corrugated metal*. Jikkonferma wkoll li huwa xehed fuq ir-rapporti li kellu.

Kien hemm bzonn erbatax-il persuna tal-Public Works biex iwaqqghu dawn l-erba' filati minhabba li t-trakkijiet ma setghux jipparkjaw fejn kien il-hajt u ghalhekk il-materjal kellu jinhareg bl-idejn. Kien hemm ukoll Spettur sabiex jidhol fil-proprjeta' privata kif ukoll erba' Pulizija.

Ra x-xhieda ta' Ludovigo Vella li jahdem mal-Works Department fejn jikkonferma li ghamel xoghol f'xi djarien tas-sit in kwistjoni. Ix-xoghol li kellhom jaghmlu kien jikkonsisti fi bdil ta' gebel li kien fi stat hazin. Jghid li kellhom itellghu l-hajt. Ma jiftakarx min tahom l-ordni sabiex jaghmlu dan.

Jikkonferma li l-post kien quddiem grawnd tal-futbol u l-ballun kien dejjem jidhol fil-proprjeta' tal-konvenut ghalhekk tella' hajt.

Jghid li kienu tellghu l-hajt xi sitt filati.

Ra x-xhieda ta' Joseph Conti fejn jikkonferma li l-hajt li jidher fuq ir-ritratt immarkat numru disgha bnieh hu. Jghid illi s-saqaf kien ta' l-*asbestos corrugated*. Jikkonferma wkoll illi anki l-hajt li jidher fir-ritratt numru erbgha bnieh hu. Fuq barra jghid li bena xi ghaxar piedi.

Jghid ukoll illi fejn bena hu jidher *internal*. Meta gew tal-MEPA waqqghu l-hajt kollu kemm dak intern u kemm dak

fuq barra. Jikkonferma li fejn bnew il-Gvern u hu, hija proprjeta' tieghu stess.

Jikkonferma wkoll illi ghamel diversi applikazzjonijiet izda gew irrifjutati.

Ra x-xhieda ta' Antonia Conti, mart il-konvenut, fejn tghid li huma kienu ghamlu biss il-grada, li kellhom inehhuha wkoll. Tghid ukoll illi l-hajt bnewh tal-Public Works. Kien il-Perit Charles Buhagiar li baghat tal-Public Works sabiex itellghu l-hajt. Tikkonferma li huma bnew biss saqaf fejn tonxor.

Ra xhieda ohra ta' Joseph Agius fejn jikkonferma li skond l-applikazzjoni tal-1993 il-konvenut kien iddikjara li huwa l-*absolute owner* tal-proprjeta'.

Ra x-xhieda tal-Perit Charles Buhagiar fejn jikkonferma li l-konvenut kien talbu stima tal-hajt li gie mwaqqa' mill-MEPA. Jikkonferma li l-konvenut kien bena strutturi biss u mhux il-hajt ukoll.

Jghid illi l-konvenut minn dejjem xtaq jgholli dan il-hajt minhabba li hdejh hemm grawnd tal-futbol. Il-hajt ma jafx min bnieh.

Ra l-istima li ghamel il-Perit Charles Buhagiar ghax-xoghol li sar mill-MEPA li giet mija u tmienja u sittin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm168.56c).

**Ikkunsidra**

Illi skond l-appell li sar mill-konvenut (ara fol 31 tal-process) il-konvenut talab li jibni *boundary wall* quddiem il-flat tieghu. Illi l-Bord ta' l-Appell cahad l-appell tal-konvenut. Il-konvenut ikkonferma wkoll li fejn bena l-Gvern u fejn bena hu huwa kollu fil-proprjeta' tieghu.

Fir-Risposta l-konvenut jghid li mhux il-legittimu kontradittur stante li l-hajt inbena mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici u mhux minnu. Illi bhala fatt jirrizulta li l-konvenut bena almenu parti minn dan il-hajt, il-hajt kollu

huwa fuq proprjeta' tieghu u fl-applikazzjoni tieghu hu jghid li jrid jibni dan il-hajt.

Illi fit-tieni eccezzjoni l-konvenut jghid li l-hajt sar bhala lqugh mix-xuttijiet tal-futbol. Illi dan huwa rrilevanti ghall-kaz.

Illi fit-tielet eccezzjoni l-konvenut jghid li t-twaqqigh sar illegalment peress li sar meta kien ghad hemm l-applikazzjoni pendenti. Illi bhala fatt jirrizulta li x-xoghol sar wara li l-appell tal-konvenut gie deciz kontra tieghu. Il-konvenut gie debitament infurmat li kien ser isir *direct enforcement* izda naqas li jiehu l-passi hu.

Illi fir-raba' eccezzjoni l-konvenut jghid li l-ammont huwa eccessiv. Illi rapprezentant tal-MEPA kkonferma li billi kien hemm diffikulta' li tersaq fejn il-hajt bl-ingenji, x-xoghol kellu jsir bl-idejn. Illi huwa veru li l-konvenut esebixxa stima tal-Perit Charles Buhagiar fejn iddikjara li x-xoghol seta' jsir ghall-prezz ta' mija u tmienja u sittin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm168.56c). Illi dan ma jikkunsidrax l-ispejjez inkorsi skond l-invoice Dok. IJS2. (Ara s-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet **L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar Vs Joseph Hammett deciza fil-15 ta' Settembru, 2004 - Avviz numru 2187/2002EG**).

Illi fil-hames eccezzjoni l-konvenut qal li z-zewgt ikmamar ma kienux kmamar izda zewg hitan imsaqqfa bil-*fibre*. Illi t-Tribunal ra r-ritratti u ra li fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar gie konkluz li:
"No structures are allowed in front/side to Government block of flats."

Illi m'hemmx dubju li dawn il-hitan bil-*fibre* huma strutturi.

Illi ghalhekk hemm lok li l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' seba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u hamsa u

sebghin centezmu (Lm785.75c) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' l-Ittra Ufficjali datata 28 ta' Frar, 2002.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------